2024/796

8.3.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/796

tal-4 ta' Marzu 2024

li jemenda l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 650/2014 fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 143(3) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 650/2014 ([2]) jispeċifika l-format, l-istruttura, il-lista tal-kontenut u d-data tal-pubblikazzjoni annwali tal-informazzjoni li trid tiġi ppubblikata mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 143 tad-Direttiva 2013/36/UE. L-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti jaġġornaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 143(1), il-punti (a), (b) u (c), ta' dik id-Direttiva regolarment, u sal-31 ta' Lulju ta' kull sena, sakemm ma jkun hemm l-ebda bidla fl-informazzjoni ppubblikata.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/389 ([3]) jispeċifika l-format, l-istruttura, il-listi tal-kontenut u d-data tal-pubblikazzjoni annwali tal-informazzjoni li trid tiġi divulgata mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 57 tad-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). L-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti jaġġornaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 57(1), il-punti (a), (b) u (c), tad-Direttiva (UE) 2019/2034 regolarment, u sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, sakemm ma jkun hemm l-ebda bidla fl-informazzjoni ppubblikata.

(3) Biex jiġu indirizzati kwistjonijiet imqajma fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2013/36/UE li wrew li mhumiex ċari biżżejjed u għalhekk kienu soġġetti għal interpretazzjonijiet diverġenti jew li nstabu li huma ta' piż żejjed għal ċerti istituzzjonijiet, id-Direttiva 2013/36/UE ġiet emendata bid-Direttiva (UE) 2019/878 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]). Jeħtieġ li dawk l-emendi għad-Direttiva 2013/36/UE jiġu riflessi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 650/2014.

([1]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 650/2014 tal-4 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi l-istandards tekniċi implimentattivi fir-rigward tal-format, l-istruttura, il-lista tal-kontenut u d-data tal-pubblikazzjoni annwali tal-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 185, 25.6.2014, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/389 tat-8 ta' Marzu 2022 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-format, l-istruttura, il-listi tal-kontenut u d-data tal-pubblikazzjoni annwali tal-informazzjoni li għandha tiġi divulgata mill-awtoritajiet kompetenti (ĠU L 79, 9.3.2022, p. 4).

([4]) Id-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar is-superviżjoni prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li temenda d-Direttivi 2002/87/KE, 2009/65/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE, 2014/59/UE u 2014/65/UE (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 64).

([5]) Id-Direttiva (UE) 2019/878 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li temenda d-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward ta' entitajiet eżentati, kumpanniji azzjonarji finanzjarji, kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta, remunerazzjoni, miżuri u setgħat superviżorji u miżuri ta' konservazzjoni ta' kapital (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 253).

(4) Id-Direttiva (UE) 2019/2034 issa fiha l-arranġamenti prudenzjali fil-livell tal-Unjoni għad-ditti tal-investiment imsemmija fl-Artikolu 1(2) u (5) tar-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), aktar milli l-arranġamenti prudenzjali msemmija fid-Direttiva 2013/36/UE. Minn dan jirriżulta li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/389 issa jispeċifika l-informazzjoni li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw dwar dawk id-ditti tal-investiment. Għalhekk ma għadux ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 650/2014 li jeħtieġ li jirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti jippubblikaw informazzjoni dwar dawk id-ditti tal-investiment.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 650/2014 jiġi emendat skont dan.

(6) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA).

(7) L-EBA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 650/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 5, it-tieni u t-tielet subparagrafi jiġu sostitwiti b'li ġej:

"L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġġornaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 143(1), il-punt (d), ta' dik id-Direttiva sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena. Dik l-informazzjoni għandha tkopri s-sena kalendarja preċedenti.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom, fir-rigward tal-istituzzjonijiet suġġetti għas-superviżjoni prudenzjali tagħhom, jaġġornaw l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (c) tal-Artikolu 143(1) ta' dik id-Direttiva fuq bażi regolari, u fi kwalunkwe każ sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, sakemm ma jkunx hemm ebda bidla fl-informazzjoni ppubblikata l-aħħar.".

(2) L-Anness I huwa sostitwit bit-test tal-Anness I għal dan ir-Regolament;

(3) L-Anness II huwa sostitwit bit-test tal-Anness II għal dan ir-Regolament;

(4) L-Anness III huwa sostitwit bit-test tal-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(5) L-Anness IV huwa sostitwit bit-test tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([6]) Ir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 575/2013, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 806/2014 (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 1).

([7]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Marzu 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Regoli u gwida

Lista ta' formoli

Parti 1 Traspożizzjoni tad-Direttiva 2013/36/UE

Parti 2 Approvazzjoni tal-mudell

Parti 3 Skoperturi ta' self speċjalizzat

Parti 4 Mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu

Parti 5 Rekwiżiti speċifiċi ta' divulgazzjoni applikati għall-istituzzjonijiet

Parti 6 Eżenzjonijiet mill-applikazzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali

Parti 7 Parteċipazzjonijiet kwalifikanti f'istituzzjoni ta' kreditu

Parti 8 Rapportar regolatorju u finanzjarju

Parti 1

Traspożizzjoni tad-Direttiva 2013/36/UE

	Traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2013/36/UE	Dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2013/36/UE	Links għat-test nazzjonali [1]	Referenza/(i) għad-dispożizzjonijiet nazzjonali [2]	Disponibbli bl-EN (IVA/LE)
010	**Id-data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni f'dan il-mudell**		*(jj/xx/ssss)*		
020	I. **Suġġett, ambitu u definizzjonijiet**	l-Artikoli 1 sa 3			
030	II. **L-awtoritajiet kompetenti**	l-Artikoli 4 sa 7			
040	III. **Rekwiżiti għall-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu**	l-Artikoli 8 sa 27			
050	1. Rekwiżiti ġenerali għall-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu	Artikoli 8 sa 21b			
060	2. Parteċipazzjoni kwalifikanti f'istituzzjoni ta' kreditu	l-Artikoli 22 sa 27			
080	V. **Dispożizzjonijiet rigward il-libertà ta' stabbiliment u l-libertà ta' forniment ta' servizzi**	l-Artikoli 33 sa 46			
090	1. Prinċipji ġenerali	l-Artikoli 33 sa 34			
100	2. Id-dritt tal-istabbiliment tal-istituzzjoniijiet ta' kreditu	l-Artikoli 35 sa 38			
110	3. Eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi	Artikolu 39			
120	4. Setgħat tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti	l-Artikoli 40 sa 46			
130	VI. **Relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi**	l-Artikoli 47 sa 48			

140	VII. **Is-sorveljanza prudenzjali**	l-Artikoli 49 sa 142			
150	1. Prinċipji tas-superviżjoni prudenzjali	l-Artikoli 49 sa 72			
160	1.1 Kompetenza u dmirijiet tal-Istati Membriu tal-oriġini u ta' dawk ospitanti	l-Artikoli 49 sa 52			
170	1.2 Skambju ta' informazzjoni u segretezza professjonali	l-Artikoli 53 sa 62			
180	1.3 Dmir tal-persuni responsabbli għall-kontroll legali tal-kontijiet annwali u kkonsolidati	Artikolu 63			
190	1.4 Setgħat superviżorji, setgħat ta' impożizzjoni ta' penali u dritt ta' appell	l-Artikoli 64 sa 72			
200	2. Proċessi ta' reviżjoni	l-Artikoli 73 sa 110			
210	2.1 Proċess ta' valutazzjoni dwar l-adegwatezza tal-kapital intern	Artikolu 73			
220	2.2 Arranġamenti, proċessi u mekkaniżmi tal-istituzzjonijiet	l-Artikoli 74 sa 96			
230	2.3 Proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorji	l-Artikoli 97 sa 101			
240	2.4 Miżuri u setgħat superviżorji	l-Artikoli 102 sa 107			
250	2.5 Livell ta' applikazzjoni	l-Artikoli 108 sa 110			
260	3. Superviżjoni fuq bażi konsolidata	l-Artikoli 111 sa 127			
270	3.1 Prinċipji għat-twettiq ta' superviżjoni fuq bażi konsolidata	l-Artikoli 111 sa 118			
280	3.2 Kumpanniji azzjonarji finanzjarji, kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta u kumpanniji azzjonarji ta' attività mħallta	l-Artikoli 119 sa 127			
290	4. Buffers kapitali	l-Artikoli 128 sa 142			
300	4.1 Buffers	l-Artikoli 128 sa 134			
310	4.2 L-iffissar u l-kalkolu tar-riżervi ta' kapital kontroċikliċi	l-Artikoli 135 sa 140			
320	4.3 Miżuri ta' konservazzjoni tal-kapital	l-Artikoli 141 sa 142			
330	VIII. **Żvelar mill-awtoritajiet kompetenti**	l-Artikoli 143 sa 144			
340	IX. **Emendi għad-Direttiva 2002/87/KE**	Artikolu 150			

350	X. **Dispożizzjonijiet tranżizzjonali u finali**	l-Artikoli 151 sa 165			
360	1. Dispożizzjonijiet tranżizzjonali dwar is-superviżjoni tal-istituzzjonijiet li jeżerċitaw il-libertà ta' stabbiliment u l-libertà ta' forniment ta' servizzi	l-Artikoli 151 sa 159			
361	1a. Dispożizzjonijiet tranżizzjonali ta' kumpanniji azzjonarji finanzjarji u ta' kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta	l-Artikolu 159a			
370	1. Dispożizzjonijiet tranżizzjonali għal buffers kapitali	Artikolu 160			
380	2. Dispożizzjonijiet finali	l-Artikoli 161 sa 165			

([1]) Iperlink(s) għas-sit web li fih it-test nazzjonali li jittrasponi d-dispożizzjoni tal-Unjoni inkwistjoni.
([2]) Referenzi dettaljati għad-dispożizzjonijiet nazzjonali, bħat-Titolu, il-Kapitolu, il-paragrafu rilevanti, eċċ.

Parti 2

Approvazzjoni tal-mudell

010	**Id-data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni f'dan il-mudell**	*(jj/xx/ssss)*
		Deskrizzjoni tal-approċċ
	Approċċ superviżorju għall-approvazzjoni tal-użu tal-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni (IRB) għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali minimi għar-riskju tal-kreditu	
020	Dokumentazzjoni minima li għandha tingħata mill-istituzzjonijiet li japplikaw għall-użu ta' approċċ IRB	*[test liberu]*
030	Deskrizzjoni tal-proċess ta' valutazzjoni mwettaq mill-awtorità kompetenti (l-użu ta' mezzi ta' awtovalutazzjoni, id-dipendenza fuq awdituri esterni u spezzjonijiet fuq il-post) u kriterji ewlenin tal-valutazzjoni	*[test liberu]*
040	Forma tad-deċiżjonijiet meħuda mill-awtorità kompetenti u l-komunikazzjoni tad-deċiżjonijiet lill-applikanti	*[test liberu]*
	Approċċ superviżorju għall-approvazzjoni tal-użu ta' Approċċ ta' Mudell Intern (IMA) għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali minimi għar-riskju tas-suq	
050	Dokumentazzjoni minima li għandha tingħata mill-istituzzjonijiet li japplikaw għall-użu ta' approċċ IMA	*[test liberu]*
060	Deskrizzjoni tal-proċess ta' valutazzjoni mwettaq mill-awtorità kompetenti (l-użu ta' mezzi ta' awtovalutazzjoni, id-dipendenza fuq awdituri esterni u spezzjonijiet fuq il-post) u kriterji ewlenin tal-valutazzjoni	*[test liberu]*
070	Forma tad-deċiżjonijiet meħuda mill-awtorità kompetenti u l-komunikazzjoni tad-deċiżjonijiet lill-applikanti	*[test liberu]*
	Approċċ superviżorju għall-approvazzjoni tal-użu ta' Metodu tal-Mudell Intern (IMM) għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali minimi għar-riskju tal-kontroparti	
080	Dokumentazzjoni minima li għandha tingħata mill-istituzzjonijiet li japplikaw biex jużaw l-Approċċ IMM	*[test liberu]*
090	Deskrizzjoni tal-proċess ta' valutazzjoni mwettaq mill-awtorità kompetenti (l-użu ta' mezzi ta' awtovalutazzjoni, id-dipendenza fuq awdituri esterni u spezzjonijiet fuq il-post) u kriterji ewlenin tal-valutazzjoni	*[test liberu]*

100	Forma tad-deċiżjonijiet meħuda mill-awtorità kompetenti u l-komunikazzjoni tad-deċiżjonijiet lill-applikanti	*[test liberu]*
	Approċċ superviżorju għall-approvazzjoni tal-użu ta' Approċċ ta' Kejl Avvanzat (AMA) għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali minimi għar-riskju operazzjonali	
110	Dokumentazzjoni minima li għandha tingħata mill-istituzzjonijiet li japplikaw għall-użu ta' approċċ AMA	*[test liberu]*
120	Deskrizzjoni tal-proċess ta' valutazzjoni mwettaq mill-awtorità kompetenti (l-użu ta' mezzi ta' awtovalutazzjoni, id-dipendenza fuq awdituri esterni u spezzjonijiet fuq il-post) u kriterji ewlenin tal-valutazzjoni	*[test liberu]*
130	Forma tad-deċiżjonijiet meħuda mill-awtorità kompetenti u l-komunikazzjoni tad-deċiżjonijiet lill-applikanti	*[test liberu]*

Parti 3

Skoperturi ta' self speċjalizzat

	Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013	**Dispożizzjonijiet**	**Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-awtorità kompetenti**
010	**Data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni f'din il-formola**		*(jj/xx/ssss)*
020	**L-Artikolu 153(5)**	L-awtorità kompetenti ppubblikat gwida biex tispeċifika kif jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkunsidraw il-fatturi msemmija fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 153 meta jassenjaw il-piżijiet tar-riskju għal skoperturi speċjalizzati ta' għoti ta' self?	*[Iva/Le]*
030		Jekk iva, jekk jogħġbok agħti referenza tal-gwida nazzjonali	*[referenza għat-test nazzjonali]*
040		Il-gwida nazzjonali hija disponibbli bl-Ingliż?	*[Iva/Le]*

Parti 4

Mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu

	Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013	Dispożizzjonijiet	Deskrizzjoni	Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-awtorità kompetenti	
010	**Data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni f'din il-formola**				*(jj/xx/ssss)*
020	**L-Artikolu 201(2)**	Pubblikazzjoni tal-lista ta' istituzzjonijiet finanzjarji li huma fornituri eliġibbli ta' protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata jew tal-kriterji ta' gwida għall-identifikazzjoni ta' dawn l-istituzzjonijiet finanzjarji	L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw u jżommu l-lista tal-istituzzjonijiet finanzjarji li huma fornituri eliġibbli ta' protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata skont il-punt (f) tal-Artikolu 201(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew il-kriterji ta' gwida biex jiġu identifikati tali fornituri eliġibbli	Lista tal-istituzzjonijiet finanzjarji jew il-kriterji ta' gwida biex jiġu identifikati	[test liberu — jista' jingħata iperlink għal din il-lista jew il-kriterji ta gwida dwar is-sit web tal-awtorità kompetenti]
030		Deskrizzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali applikabbli	L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw deskrizzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali applikabbli flimkien mal-lista tal-istituzzjonijiet finanzjarji eliġibbli jew il-kriterji ta' gwida biex jiġu identifikati dawn l-istituzzjonijiet finanzjarji	Deskrizzjoni dettaljata tar-rekwiżiti prudenzjali applikati mill-awtorità kompetenti	*[test liberu]*
040	**l-Artikolu 227(2), il-punt (e)**	Kundizzjoni għall-applikazzjoni ta' aġġustament tal-volatilità ta' 0 %	Skont il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw aġġustament għall-volatilità ta' 0 % sakemm it-tranżazzjoni tkun saldata f'sistema tas-saldu ppruvata għal dik it-tip ta' tranżazzjoni	Deskrizzjoni dettaljata dwar kif l-awtorità kompetenti tikkunsidra s-sistema tas-saldu bħala s-sistema ppruvata	*[test liberu]*
050	**l-Artikolu 227(2), il-punt (f)**	Kundizzjoni għall-applikazzjoni ta' aġġustament tal-volatilità ta' 0 %	Skont il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw aġġustament għall-volatilità ta' 0 % sakemm id-dokumentazzjoni li tkopri l-ftehim jew it-tranżazzjoni tkun dokumentazzjoni tas-suq standard għal tranżazzjonijiet ta' riakkwist jew tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli fit-titoli konċernati	Speċifikazzjoni tad-dokumentazzjoni li għandha tiġi kkunsidrata bħala dokumentazzjoni tas-suq standard	*[test liberu]*
060	**L-Artikolu 229(1)**	Prinċipji ta' valutazzjoni għal kollateral fuq proprjetà immobbli skont l-Approċċ IRB	Il-proprjetà immobbli tista' tiġi vvalutata minn valutatur indipendenti fuq valur daqs jew inqas mill-valur tas-self ipotekarju f'dawk l-Istati Membri li stabbilew kriterji rigoruż għall-valutazzjoni ta' dan il-valur ta' self ipotekarju f'dispożizzjonijiet statutorji jew regolatorji	Kriterji stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-valutazzjoni tal-valur tas-self ipotekarju	*[test liberu]*

Parti 5

Rekwiżiti speċifiċi ta' divulgazzjoni applikati għall-istituzzjonijiet

	Id-Direttiva 2013/36/UE	Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013	Dispożizzjoni	Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-awtorità kompetenti	
010	**Id-data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni f'dan il-mudell**				*(jj/xx/ssss)*
020	**L-Artikolu 106(1), il-punt (a)**		L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-istituzzjonijiet jippubblikaw l-informazzjoni msemmija fil-Parti Tmienja tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 aktar minn darba fis-sena, u jistabbilixxu skadenzi għall-pubblikazzjoni	Il-frekwenza u l-iskadenzi għall-pubblikazzjoni applikabbli għall-istituzzjonijiet	*[test liberu]*
030	**L-Artikolu 106(1) il-punt (b)**		L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-istituzzjonijiet jużaw mezzi tax-xandir u postijiet speċifiċi għall-pubblikazzjonijiet apparti r-rapporti finanzjarji	Tipi ta' mezzi tax-xandir speċifiċi biex jintużaw minn istituzzjonijiet	*[test liberu]*

Parti 6

Derogi mill-applikazzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali

	Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013	Dispożizzjonijiet	Deskrizzjoni	Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-awtorità kompetenti	
010	**Data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni f'din il-formola**				*(jj/xx/ssss)*
020	**L-Artikolu 7(1) u (2) (Derogi individwali għas-sussidjarji)**	Deroga tal-applikazzjoni fuq bażi individwali ta' rekwiżiti prudenzjali stabbiliti fil-Partijiet Tnejn, Tlieta, Erbgħa, Sebgħa, Sebgħa A u Tmienja tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fil-Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402	Id-deroga tista' tingħata lil kwalunkwe sussidjarja ta' istituzzjoni, meta kemm is-sussidjarja kif ukoll l-istituzzjoni jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni u superviżjoni mill-Istat Membru kkonċernat, u s-sussidjarja tkun inkluża fis-superviżjoni fuq bażi konsolidata tal-istituzzjoni li tkun l-impriża prinċipali, u l-kundizzjonijiet kollha fl-ittri (a) sa (d) tal-Artikolu 7(1) ikunu ssodisfati.	Kriterji li għandhom jiġu applikati mill-awtorità kompetenti biex tivvaluta li l-kundizzjonijiet fl-ittri (a) sa (d) tal-Artikolu 7(1) ikunu ssodisfati.	*[test liberu]*

030	**L-Artikolu 7(3) (Derogi individwali għal istituzzjonijiet prinċipali)**	Deroga tal-applikazzjoni fuq bażi individwali ta' rekwiżiti prudenzjali stabbiliti fil-Partijiet Tnejn, Tlieta, Erbgħa, Sebgħa, Sebgħa A u Tmienja tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fil-Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402	Id-deroga tista' tingħata lil istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru fejn dik l-istituzzjoni tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni u superviżjoni mill-Istat Membru kkonċernat, u tkun inkluża fis-superviżjoni fuq bażi konsolidata, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 7(3).	Kriterji li għandhom jiġu applikati mill-awtorità kompetenti biex tivvaluta li ma hemm l-ebda ostaklu għat-trasferiment fil-pront ta' fondi proprji jew ħlas lura ta' obbligazzjonijiet u li l-proċeduri ta' evalwazzjoni, kejl u kontroll tar-riskju rilevanti għal superviżjoni konsolidata jkopru l-istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru.	*[test liberu]*
040	**L-Artikolu 8(1) u (2) (Derogi għal-likwidità għal sussidjarji)**	Deroga tal-applikazzjoni fuq bażi individwali tar-rekwiżiti tal-likwidità stabbiliti fil-Parti Sitta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kundizzjonijiet kollha fl-ittri (a) sa (d) tal-Artikolu 8(1) huma ssodisfati	Id-deroga tista' tingħata lil istituzzjonijiet fi ħdan sottogrupp sakemm dawn l-istituzzjonijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ittri (a) sa (d) tal-Artikolu 8(1). Fost dawn ir-rekwiżit li huma jkunu daħlu f'kuntratti li, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti, jipprevedu l-moviment liberu tal-fondi bejniethom sabiex ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom individwali u konġunti meta jsiru dovuti skont il-punt (c) tal-Artikolu 8(1).	Kriterji li għandhom jiġu applikati mill-awtorità kompetenti biex tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet fl-ittri (a) sa (d) tal-Artikolu 8(1) ikunu ssodisfati.	*[test liberu]*
	L-Artikolu 8(3) (Derogi ta' likwidità transfruntiera)	Deroga tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-likwidità stabbiliti fil-Parti Sitta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 meta l-istituzzjonijiet tas-sottogrupp tal-likwidità uniku jkunu awtorizzati f'diversi Stati Membri.	Id-deroga tista' tingħata lill-istituzzjonijiet fi ħdan is-sottogrupp uniku li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jaqblu dwar l-elementi stabbiliti fl-ittri (a) sa (f) tal-Artikolu 8(3) u wara li tiġi segwita l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21.	Kriterji li għandhom jiġu applikati mill-awtorità kompetenti biex tivvaluta jekk l-elementi stabbiliti fl-ittri (a) sa (f) tal-Artikolu 8(3) ikunu ssodisfati.	*[test liberu]*

050	**L-Artikolu 9(1) (Metodu ta' konsolidazzjoni individwali)**	Permess mogħti lill-istituzzjonijiet prinċipali biex jinkorporaw sussidjarji fil-kalkolu tar-rekwiżiti prudenzjali tagħhom stabbiliti fil-Partijiet Tnejn, Tlieta, Erbgħa, Sebgħa, Sebgħa A u Tmienja tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fil-Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402	Jingħata l-permess biss meta l-istituzzjoni prinċipali turi b'mod komplet lill-awtoritajiet kompetenti li ma hemm l-ebda impediment, attwali jew previst, materjali prattiku jew legali għat-trasferiment immedjat ta' fondi proprji, jew rimborż tal-obbligazzjonijiet meta jkun dovut mis-sussidjarja inkorporati fil-kalkolu tar-rekwiżiti lill-istituzzjoni prinċipali tagħha skont l-Artikolu 9(2).	Kriterji li għandhom jiġu applikati mill-awtorità kompetenti biex tivvaluta li ma hemm ebda ostakolu għat-trasferiment immedjat ta' fondi proprji jew għar-rimborż ta' obbligazzjonijiet	*[test liberu]*
060	**L-Artikolu 10 (Istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati b'mod permanenti ma' korp ċentrali)**	Deroga mill-applikazzjoni fuq bażi individwali ta' rekwiżiti prudenzjali stabbiliti fil-Partijiet Tnejn sa Tmienja tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402	L-Istati Membri jistgħu jżommu u jagħmlu użu mil-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti fir-rigward tal-applikazzjoni tal-eżenzjoni sakemm dan ma jmurx kontra Regolament (UE) Nru 575/2013 jew id-Direttiva 2013/36/UE	Il-liġi nazzjonali/Regolament applikabbli rigward l-applikazzjoni tal-eżenzjoni	*[referenza għat-test nazzjonali]*

Parti 7

Parteċipazzjonijiet kwalifikanti f'istituzzjoni ta' kreditu

	Id-Direttiva 2013/36/UE	**Kriterji ta' valutazzjoni u informazzjoni meħtieġa biex tiġi evalwata l-adegwatezza tal-akkwirent propost li jkun qed ifittex li jikseb istituzzjoni ta' kreditu u s-soliditá finanzjarja tal-akkwist propost**	**Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-awtorità kompetenti**	
010	**Id-data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni f'dan il-mudell**			*(jj/xx/ssss)*
020	**L-Artikolu 23(1), il-punt (a)**	Reputazzjoni tal-akkwirent propost	Deskrizzjoni dwar kif l-awtorità kompetenti tivvaluta l-integrità tal-akkwirent propost	*[test liberu]*
030			Deskrizzjoni dwar kif l-awtorità kompetenti tivvaluta l-kompetenza professjonali tal-akkwirent propost	*[test liberu]*
040			Dettalji prattiċi fuq il-proċess ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2013/36/UE	*[test liberu]*

050	**L-Artikolu 23(1) il-punt (b)**	Reputazzjoni, għarfien, ħiliet u esperjenza ta' kwalunkwe membru tal-korp ta' ġestjoni li ser imexxi n-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu	Deskrizzjoni dwar kif l-awtorità kompetenti tivvaluta r-reputazzjoni, l-għarfien, il-ħiliet u l-esperjenza tal-membri tal-korp ta' ġestjoni	*[test liberu]*
060	**L-Artikolu 23(1), il-punt (c)**	Sodezza finanzjarja tal-akkwirent propost	Deskrizzjoni dwar kif l-awtorità kompetenti tivvaluta s-sodezza finanzjarja tal-akkwirent propost	*[test liberu]*
070			Dettalji prattiċi fuq il-proċess ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2013/36/UE	*[test liberu]*
080	**L-Artikolu 23(1) il-punt (d)**	Konformità tal-istituzzjoni ta' kreditu mar-rekwiżiti prudenzjali	Deskrizzjoni dwar kif l-awtorità kompetenti tivvaluta jekk l-istituzzjoni tal-kreditu hux se tkun tista' tkun konformi mar-rekwiżiti prudenzjali	*[test liberu]*
090	**L-Artikolu 23(1), il-punt (e)**	Suspett ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament ta' terroristi	Deskrizzjoni dwar kif l-awtorità kompetenti tivvaluta jekk hemmx raġunijiet raġonevoli biex ikun hemm suspett ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament ta' terroristi	*[test liberu]*
100			Dettalji prattiċi fuq il-proċess ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2013/36/UE	*[test liberu]*
110	**L-Artikolu 23(4)**	Lista li tispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti fil-mument tan-notifika	Lista ta' informazzjoni li trid tiġi pprovduta mill-akkwirent propost fil-mument tan-notifika sabiex l-awtorità kompetenti twettaq il-valutazzjoni tal-akkwirent propost u l-akkwiżizzjoni proposta	*[test liberu]*

Parti 8

Rapportar regolatorju u finanzjarju

010	**Id-data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni f'dan il-mudell**	*(jj/xx/ssss)*
020	**Implimentazzjoni tar-rapportar dwar informazzjoni finanzjarja f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2021/451**	
030	L-applikazzjoni tar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 430(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 hija estiża għal istituzzjonijiet li ma japplikawx standards internazzjonali tal-kontabilità kif japplikaw skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002?	*[Iva/Le]*
040	*Jekk iva, liema qafas ta' kontabilità japplika għal dawn l-istituzzjonijiet?*	*[test liberu]*
050	*Jekk iva, liema hu l-livell ta' applikazzjoni tar-rappurtar? (bażi individwali/konsolidata/ subkonsolidata)*	*[test liberu]*
060	L-applikazzjoni tar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 430(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 hija estiża għal entitajiet finanzjarji li mhumiex istituzzjonijiet ta' kreditu jew ditti ta' investiment?	*[Iva/Le]*
070	*Jekk iva, x'tipi ta' entitajiet finanzjarji (eż. ditti finanzjarji) huma soġġetti għal dawn ir-rekwiżiti ta' rapportar?*	*[test liberu]*
080	*Jekk iva, x'inhu d-daqs ta' dawn l-entitajiet finanzjarji f'termini tat-total tal-karta tal-bilanċ (fuq bażi individwali)?*	*[test liberu]*
090	Jintużaw standards XBRL għall-preżentazzjoni ta' rapportar lill-awtorità kompetenti?	*[Iva/Le]*
100	**Implimentazzjoni tar-rapportar dwar il-fondi proprji u r-rekwiżiti tal-fondi proprji f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2021/451**	
110	L-applikazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 430(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 hija estiża għal entitajiet finanzjarji li mhumiex istituzzjonijiet ta' kreditu jew ditti ta' investiment?	*[Iva/Le]*
120	*Jekk iva, liema oqfsa ta' kontabilità japplikaw għal dawn l-entitajiet finanzjarji?*	*[test liberu]*
130	*Jekk iva, x'tipi ta' entitajiet finanzjarji (eż. ditti finanzjarji) huma soġġetti għal dawn ir-rekwiżiti ta' rapportar?*	*[test liberu]*
140	*Jekk iva, x'inhu d-daqs ta' dawn l-entitajiet finanzjarji f'termini tat-total tal-karta tal-bilanċ (fuq bażi individwali)?*	*[test liberu]*
150	Jintużaw standards XBRL għall-preżentazzjoni ta' rapportar lill-awtorità kompetenti?	*[Iva/Le]*

ANNESS II

Opzjonijiet u diskrezzjonijiet

Lista ta' mudelli

Parti 1 Opzjonijiet u diskrezzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE, fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fir-Regolament Delegat tal-LCR (UE) 2015/61

Parti 2 Opzjonijiet u diskrezzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013

Parti 3 Elementi varjabbli tar-remunerazzjoni (l-Artikolu 94 tad-Direttiva 2013/36/UE)

Parti 1

Opzjonijiet u diskrezzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE, fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fir-Regolament ta' Delega tal-LCR (UE) 2015/61

	Id-Direttiva 2013/36/UE	Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013	Ir-Regolament Delegat tal-LCR (UE) 2015/61	Destinatarju	Denominazzjoni	Deskrizzjoni tal-opzjoni jew tad-diskrezzjoni	Eżerċitata (Iva/Le/Mhux Applikabbli) [1]	Test nazzjonali [2]	Referenza/i[[3]	Disponibbli bl-EN (IVA/LE)	Dettalji / Kummenti
010	Id-data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni f'dan il-mudell						*(jj/xx/ssss)*				
020	L-Artikolu 9(2)			L-Istati Membri	Eċċezzjoni kontra l-projbizzjoni kontra persuni jew impriżi li mhumiex istituzzjonijiet ta' kreditu milli jiġbru depożiti jew fondi rimborżabbli ohrajn mill-pubbliku	Il-projbizzjoni kontra persuni jew impriżi li mhumiex istituzzjonijiet ta' kreditu milli jwettqu n-negozju ta' ġbir ta' depożiti jew fondi rimborżabbli ohrajn mill-pubbliku ma għandix tapplika fil-każ ta' Stat Membru, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali ta' Stat Membru, korpi internazzjonali pubbliċi li tagħhom ikun membru Stat Membru wieħed jew aktar, jew għal każijiet koperti espressament mil-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni, dment li dawk l-attivitajiet ma jkunux soġġetti għal regolamenti u kontrolli maħsuba biex jipproteġu lid-depożitanti u l-investituri.	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		
030	L-Artikolu 12(3)			L-Istati Membri	Kapital inizjali	L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jissodisfawx ir-rekwiżit li jkollhom fondi proprji separati u li kienu eżistenti fil-15 ta' Diċembru 1979 jistgħu jibqgħu jwettqu n-negozju tagħhom.	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		

	Id-Direttiva 2013/36/UE	Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013	Ir-Regolament Delegat tal-LCR (UE) 2015/61	Destinatarju	Denominazzjoni	Deskrizzjoni tal-opzjoni jew tad-diskrezzjoni	Eżerċitata (Iva/Le/Mhux Applikabbli) [1]	Test nazzjonali [2]	Referenza/i [3]	Disponibbli bl-EN (IVA/LE)	Dettalji / Kummenti
010	Id-data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni f'dan il-mudell						*(jj/xx/ssss)*				
040	L-Artikolu 12(3)			L-Istati Membri	Kapital inizjali	L-Istituzzjonijiet ta' Kreditu li għalihom l-Istati Membri jkunu ddeċidew li jistgħu jkomplu jwettqu n-negozju tagħhom skont l-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2013/36/UE jistgħu jiġu eżentati mill-Istati Membri milli jikkonformaw mar-rekwiżiti li jinsabu fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2013/36/UE.	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		
050	L-Artikolu 12(4)			L-Istati Membri	Kapital inizjali	L-Istati Membri jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni lil kategoriji partikolari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li l-kapital inizjali tagħhom ikun inqas minn EUR 5 miljun, sakemm il-kapital inizjali ma jkunx inqas minn EUR 1 miljun u l-Istat Membru kkonċernat jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-ABE bir-raġunijiet tiegħu għall-eżerċizzju ta' dik l-opzjoni.	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		
060	L-Artikolu 21(1)			Awtoritajiet Kompetenti	Eżenzjonijiet għal istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati b'mod permanenti ma' korp ċentrali	L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkonċedu eżenzjoni fir-rigward ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu affiljati ma' korp ċentrali mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 10, 12 u 13(1) tad-Direttiva 2013/36/UE.	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		
090	L-Artikolu 40			Awtoritajiet Kompetenti	Rekwiżiti ta' rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti ospitanti	L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti, għal skopijiet ta' informazzjoni, ta' statistika jew ta' superviżjoni, jistgħu jeħtieġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha li jkollhom fergħat fit-territorji tagħhom, għandhom jirrapportaw perjodikament dwar l-attivitajiet tagħhom f'dawk l-Istati Membri ospitanti, b'mod partikolari biex jiġi vvalutat jekk fergħa tkunx sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 51(1) tad-Direttiva 2013/36/UE.	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		

	Id-Direttiva 2013/36/UE	Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013	Ir-Regolament Delegat tal-LCR (UE) 2015/61	Destinatarju	Denominazzjoni	Deskrizzjoni tal-opzjoni jew tad-diskrezzjoni	Eżerċitata (Iva/Le/Mhux Applikabbli) [1]	Test nazzjonali [2]	Referenza/i [3]	Disponibbli bl-EN (IVA/LE)	Dettalji / Kummenti
010	Id-data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni f'dan il-mudell						*(jj/xx/ssss)*				
121	L-Artikolu 133(1)			L-Istati Membri	Rekwiżit biex tinżamm riżerva għal riskju sistemiku	L-Istati Membri jistgħu jintroduċu riżerva għal riskju sistemiku tal-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni għas-settur finanzjarju jew subsett wieħed jew aktar ta' dak is-settur fuq l-iskoperturi kollha jew subsett tagħhom.	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		
130	L-Artikolu 134(1)			L-Istati Membri	Rikonoxximent ta' rata ta' riżerva għal riskju sistemiku	Stati Membri oħrajn jistgħu jirrikonoxxu r-rata tar-riżerva għal riskju sistemiku ffissata skont l-Artikolu 133 u jistgħu japplikaw dik ir-rata tar-riżerva għal istituzzjonijiet awtorizzati domestikament għall-iskoperturi li qegħdin fl-Istat Membru li jiffissa dik ir-rata tar-riżerva.	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		
140	L-Artikolu 152, l-ewwel paragrafu			L-Istati Membri	Rekwiżiti ta' rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti ospitanti	L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti, għall-finijiet ta' statistika, jistgħu jeħtieġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha li jkollhom fergħat fit-territorji tagħhom għandhom jirrapportaw perjodikament lilhom dwar l-attivitajiet tagħhom f'dawk l-Istati Membri ospitanti.	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		
150	L-Artikolu 152, it-tieni paragrafu			L-Istati Membri	Rekwiżiti ta' rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti ospitanti	L-Istati Membri ospitanti jistgħu jimponu obbligu li l-fergħat tal-istituzzjonijiet ta' kreditu minn Stati Membri oħra jipprovdu l-istess informazzjoni li jkunu jeħtieġu mill-istituzzjonijiet ta' kreditu nazzjonali għal dik il-fini.	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		
155	L-Artikolu 131(5)			Awtoritajiet Kompetenti	Riżervi	L-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata tista' teħtieġ lil kull O-SII, fuq bażi kkonsolidata, subkonsolidata jew individwali, skont kif japplika, biex iżżomm riżerva għal O-SII sa 3 % tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, waqt li jitqiesu l-kriterji għall-identifikazzjoni tal-O-SII. Dik ir-riżerva għandha tikkonsisti minn kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni.	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		

	Id-Direttiva 2013/36/UE	Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013	Ir-Regolament Delegat tal-LCR (UE) 2015/61	Destinatarju	Denominazzjoni	Deskrizzjoni tal-opzjoni jew tad-diskrezzjoni	Eżerċitata (Iva/Le/Mhux Applikabbli) (1)	Test nazzjonali (2)	Referenza/i((3)	Disponibbli bl-EN (IVA/LE)	Dettalji / Kummenti
010	Id-data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni f'dan il-mudell						*(jj/xx/ssss)*				
156	L-Artikolu 160(6)			Awtoritajiet Kompetenti	Dispożizzjonijiet tranżizzjonali għal riżervi ta' kapital	L-Istati Membri jistgħu jimponu perjodu tranżizzjonali iqsar għal riżervi ta' kapital minn dak speċifikati fil-paragrafi 1 sa 4 tal-Artikolu 160. Tali perijodu tranżizzjonali iqsar jista' jiġi rikonoxxut minn Stati Membri oħra.	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		
165		L-Artikolu 4(1)(145), il-punt (b)		L-Istati Membri	Klassifikazzjoni ta' istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi	L-Istati Membri jistgħu jbaxxu l-limitu massimu ta' EUR 5 biljun għall-medja matul il-perjodu ta' erba' snin immedjatament qabel il-perjodu ta' rapportar tas-sena annwali attwali perjodu ta' rapportar tal-valur totali tal-assi tal-istituzzjonijiet fuq bażi individwali jew, fejn applikabbli, fuq bażi konsolidata f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-Direttiva 2013/36/UE.	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		
170		L-Artikolu 4(2)		Stati Membri jew Awtoritajiet Kompetenti	Trattament ta' parteċipazzjonijiet indiretti fi proprjetà immobbli	L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jistgħu jippermettu ishma li jikkostitwixxu parteċipazzjoni indiretta ekwivalenti ta' proprjetà immobbli biex jiġu trattati bħala parteċipazzjoni diretta ta' proprjetà immobbli, dment li tali parteċipazzjoni indiretta tkun regolata b'mod speċifiku fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru, u li meta tkun imwieġħda bħala kollaterali, din tipprovdi protezzjoni ekwivalenti għall-krediturі.	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		
190		L-Artikolu 24(2)		Awtoritajiet Kompetenti	Rappurtar u l-użu obbligatorju tal-IFRS	L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li istituzzjonijiet jagħmlu l-valutazzjoni tal-assi u l-elementi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ u d-determinazzjoni tal-fondi proprji f'konformità mal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà kif japplikaw skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002.	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		

	Id-Direttiva 2013/36/UE	Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013	Ir-Regolament Delegat tal-LCR (UE) 2015/61	Destinatarju	Denominazzjoni	Deskrizzjoni tal-opzjoni jew tad-diskrezzjoni	Eżerċitata (Iva/Le/Mhux Applikabbli) (1)	Test nazzjonali (2)	Referenza/i((3)	Disponibbli bl-EN (IVA/LE)	Dettalji / Kummenti
010	Id-data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni f'dan il-mudell						*(jj/xx/ssss)*				
200		L-Artikolu 89(3)		Awtoritajiet Kompetenti	Ippeżar tar-riskju u l-projbizzjoni ta' holdings kwalifikattivi 'l barra mis-settur finanzjarju	L-awtoritajiet kompetenti japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin għall-holdings kwalifikattivi tal-istituzzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2: għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżit ta' kapital skont il-Parti Tlieta ta' dan ir-Regolament, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw piż tar-riskju ta' 1 250 % għall-ikbar wieħed minn dawn li ġejjin: (i) l-ammont ta' parteċipazzjonijiet kwalifikattivi msemmija fil-paragrafu 1 li jaqbeż 15 % tal-kapital eliġibbli; (ii) l-ammont totali ta' parteċipazzjonijiet kwalifikattivi msemmija fil-paragrafu 2 li jaqbeż 60 % tal-kapital eliġibbli tal-istituzzjoni;	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		
201		L-Artikolu 89(3)		Awtoritajiet Kompetenti	Ippeżar tar-riskju u l-projbizzjoni ta' holdings kwalifikattivi 'l barra mis-settur finanzjarju	L-awtoritajiet kompetenti japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin għall-holdings kwalifikattivi tal-istituzzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprojbixxu lill-istituzzjonijiet milli jkollhom holdings kwalifikattivi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 li l-ammont tagħhom jaqbeż il-perċentwali ta' kapital eliġibbli stabbilit f'dawk il-paragrafi.	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		
220		L-Artikolu 430(4)		Awtoritajiet Kompetenti	Rappurtar dwar ir-rekwiżiti ta' fondi proprji u informazzjoni finanzjarja	L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li l-istituzzjonijiet tal-kreditu li jiddeterminaw il-fondi proprji tagħhom fuq bażi konsolidata f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà skont l-Artikolu 24(2) biex jirrapportaw informazzjoni finanzjarja f'konformità ma' dan l-Artikolu.	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		

	Id-Direttiva 2013/36/UE	Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013	Ir-Regolament Delegat tal-LCR (UE) 2015/61	Destinatarju	Denominazzjoni	Deskrizzjoni tal-opzjoni jew tad-diskrezzjoni	Eżerċitata (Iva/Le/Mhux Applikabbli) (1)	Test nazzjonali (2)	Referenza/i((3)	Disponibbli bl-EN (IVA/LE)	Dettalji / Kummenti
010	Id-data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni f'dan il-mudell						*(jj/xx/ssss)*				
230		L-Artikolu 124(2)		Awtoritajiet Kompetenti jew Maħtura	Pożijiet u kriterji ta' riskju applikati għal skoperturi ggarantiti minn ipoteki fuq proprjetà immobbli	L-awtorità maħtura f'konformità mal-paragrafu 1a ta' dan l-Artikolu tista' żżid il-pożijiet tar-riskju applikabbli għal dawk l-iskoperturi fil-meded iddeterminati fir-raba' subparagrafu ta' dan il-paragrafu jew timponi kriterji aktar stretti minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 125(2) jew 126(2).	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		
240		L-Artikolu 129(1)		Awtoritajiet Kompetenti	Skoperturi fil-forma ta' bonds koperti	L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, wara li jikkonsultaw mal-ABE, jirrinunzjaw parzjalment għall-applikazzjoni tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu u jippermettu l-iskala 2 tal-kwalità kreditizja sa 10 % tal-iskopertura totali tal-ammont nominali ta' bonds koperti pendenti tal-istituzzjoni emittenti, sakemm il-problemi potenzjali sinifikanti tal-konċentrazzjoni fl-Istati Membri konċernati jistgħu jiġu ddokumentati minħabba l-applikazzjoni tar-rekwiżit tal-iskala 1 tal-kwalità kreditizja msemmi f'dak il-punt.	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		
241		L-Artikolu 129(1a), il-punt (c)		Awtoritajiet Kompetenti	Skoperturi għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkwalifikaw għall-iskala 3 tal-kwalità tal-kreditu fil-forma ta' kuntratti tad-derivattivi	L-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 18(2) tad-Direttiva (UE) 2019/2162 jistgħu, wara li jikkonsultaw mal-ABE, jippermettu skoperturi għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkwalifikaw għall-iskala 3 tal-kwalità tal-kreditu fil-forma ta' kuntratti tad-derivattivi, dment li jkunu jistgħu jiġu ddokumentati problemi potenzjali sinifikanti ta' konċentrazzjoni fl-Istati Membri kkonċernati minħabba l-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-iskala 1 u 2 tal-kwalità tal-kreditu msemmija f'dan il-paragrafu.	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		
242		Artikolu 129(3a)		Stati Membri	Livell minimu ta' sovrakollateralizzazzjoni għal bonds koperti	L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu livell minimu aktar baxx ta' sovrakollateralizzazzjoni għal bonds koperti minn 5 % jew jawtorizzaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom biex jistabbilixxu tali livell, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet fil-punt (a) u (b) ta' dan is-subparagrafu.	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		

	Id-Direttiva 2013/36/UE	Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013	Ir-Regolament Delegat tal-LCR (UE) 2015/61	Destinatarju	Denominazzjoni	Deskrizzjoni tal-opzjoni jew tad-diskrezzjoni	Eżerċitata (Iva/Le/Mhux Applikabbli) [1]	Test nazzjonali [2]	Referenza/i[[3]	Disponibbli bl-EN (IVA/LE)	Dettalji / Kummenti
010	Id-data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni f'dan il-mudell						*(jj/xx/ssss)*				
250		L-Artikolu 164(6)		Awtoritajiet Kompetenti	Valuri minimi ta' Telf fil-każ ta' Inadempjenza (LGD) medju ppeżat skont l-iskopertura, fil-każ ta' skoperturi assigurati bil-proprjetà	Abbażi tad-*data* miġbura skont l-Artikolu 430a u fuq kwalunkwe indikatur rilevanti ieħor, u b'kont meħud tal-iżviluppi li jħarsu 'l quddiem tas-suq tal-proprjetà immobbli, l-awtorità dežinjata f'konformità mal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu għandha perjodikament, u mill-inqas annwalment, tivvaluta jekk il-valuri minimi tal-LGD imsemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, humiex adatti għal skoperturi ggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà residenzjali jew proprjetà immobbli kummerċjali li jinsabu f'parti waħda jew aktar mit-territorju tal-Istat Membru tal-awtorità rilevanti. Meta, abbażi tal-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-awtorità mahtura f'konformità mal-paragrafu 5 tikkonkludi li l-valuri minimi tal-LGD imsemmija fil-paragrafu 4 mhumiex adegwati, u jekk tqis li l-inadegwatezza tal-valuri tal-LGD tista' taffettwa b'mod negattiv l-istabbiltà finanzjarja attwali jew futura fl-Istat Membru tagħha, din tista' tiffissa valuri minimi tal-LGD ogħla għal dawk l-iskoperturi li jinsabu f'parti waħda jew aktar mit-territorju tal-Istat Membru tal-awtorità rilevanti. Dawk il-valuri minimi ogħla jistgħu jiġu applikati wkoll fil-livell ta' segment wieħed jew aktar ta' proprjetà ta' skoperturi bħal dawn. L-awtorità dežinjata f'konformità mal-paragrafu 5 għandha tinnotifika lill-ABE u lill-BERS qabel tieħu d-deċiżjoni msemmija f'dan il-paragrafu. Fi żmien xahar minn meta jirċievu n-notifika, l-ABE u l-BERS għandhom jipprovdu l-opinjoni tagħhom lill-Istat Membru kkonċernat. L-ABE u l-BERS għandhom jippubblikaw dawk il-valuri tal-LGD.	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		

	Id-Direttiva 2013/36/UE	Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013	Ir-Regolament Delegat tal-LCR (UE) 2015/61	Destinatarju	Denominazzjoni	Deskrizzjoni tal-opzjoni jew tad-diskrezzjoni	Eżerċitata (Iva/Le/Mhux Applikabbli) [1]	Test nazzjonali [2]	Referenza/i [3]	Disponibbli bl-EN (IVA/LE)	Dettalji / Kummenti
010	Id-data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni f'dan il-mudell						*(jj/xx/ssss)*				
260		L-Artikolu 178(1), il-punt (b)		Awtoritajiet Kompetenti	Inadempjenza ta' obbligant	L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jissostitwixxu 90 jum b'180 jum għall-iskoperturi garantiti permezz ta' proprjetà residenzjali jew proprjetà immobbli kummerċjali tal-SMEs fil-klassi tal-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur, kif ukoll għall-iskoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku.	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		
261		L-Artikolu 178(2), il-punt (d)		Awtoritajiet Kompetenti	Livell massimu ta' materjalità	L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddefinixxu l-livell massimu għall-valutazzjoni tal-materjalità ta' obbligu ta' kreditu skadut. Dan il-limitu massimu għandu jirrefletti livell ta' riskju li l-awtorità kompetenti tikkunsidrah bħala raġonevoli.	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		
270		L-Artikolu 284(4)		Awtoritajiet Kompetenti	Valur tal-iskopertura	L-awtoritajiet jistgħu jeżiġu α oġħla minn 1.4 jew jippermettu lill-istituzzjonijiet jużaw l-istimi tagħhom stess skont l-Artikolu 284(9).	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		
280		L-Artikolu 284(9)		Awtoritajiet Kompetenti	Valur tal-iskopertura	L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet jużaw l-istimi tagħhom stess għal alpha	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		
290		L-Artikolu 327(2)		Awtoritajiet Kompetenti	Netting bejn pożizzjoni konvertibbli u pożizzjoni mqabbla fl-istrument sottostanti	L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jadottaw approċċ taħt liema tittieħed fkunsiderazzjoni l-probabbiltà li element konvertibbli partikolari jiġi kkonvertit jew jirrikjedu rekwiżit ta' fondi proprji biex jiġi kopert kwalunkwe telf li jista' jirriżulta mill-konverżjoni.	[Iva/Le/Mhux Applikabbli]	Obbligatorju jekk IVA	Obbligatorju jekk IVA		
